
EBA/GL/2015/02

23.07.2015

Linji gwida

dwar il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi tal-pjan ta' rkupru

Kontenut

1. Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi tal-pjan ta' rkupru	3
Status ta' dawn il-linji gwida	3
Titolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	4
Titolu II – Qafas tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru	5
Titolu III – Indikaturi tal-kapital	7
Titolu IV – Indikaturi tal-likwidità	8
Titolu V – Indikaturi tal-profittabbiltà	8
Titolu VI – Indikaturi tal-kwalità tal-assi	9
Titolu VII – Indikaturi bbażati fuq is-suq	9
Titolu VIII – Indikaturi makroekonomiċi	9
Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni	10

1. Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi tal-pjan ta' rkupru

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 23.09.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2015/02'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

Titolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Is-Suġġett

1. Dawn il-Linji Gwida ġew imfassla skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-15 ta' Mejju 2014, li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ('id-Direttiva 2014/59/UE'), li tagħti mandat lill-EBA sabiex tfassal linji gwida, bl-għan li jispeċifikaw il-lista minima ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi tal-pjan ta' rkupru.
2. Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesigū li kull pjan ta' rkupru jinkludi qafas ta' indikaturi stabbiliti mill-istituzzjoni li jidentifika l-punti fejn jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet xierqa msemmija fil-pjan. Il-qafas tal-indikaturi għandu jkun inkluż fil-pjanijiet ta' rkupru skont l-istandard tekniku regolatorju dwar il-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru żviluppat skont l-Artikolu 5(10) tad-Direttiva 2014/59/UE.
3. Dawn l-indikaturi għandhom jiġu miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti meta jkunu qegħdin jivvalutaw il-pjanijiet ta' rkupru skont l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2014/59/UE, kif speċifikat ulterjorment fl-istandard tekniku regolatorju dwar il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru żviluppata skont l-Artikolu 6(8) tad-Direttiva 2014/59/UE. L-indikaturi jistgħu jkunu ta' natura kwalitattiva jew kwantitattiva rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u għandhom ikunu jistgħu jiġu mmonitorjati faċilment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jistabbilixxu arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ regolari tal-indikaturi.
4. Fid-dawl tar-rilevanza għall-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-opzjonijiet ta' rkupru, il-pjan ta' rkupru għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-attivazzjoni tal-pjan ta' rkupru bħala element essenzjali tal-istruttura ta' governanza, ibbażat fuq proċess ta' eskalazzjoni bl-użu ta' indikaturi f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.
5. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida 'indikaturi għal pjan ta' rkupru' ifissru indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti minn kull istituzzjoni fuq il-bażi tal-qafas stabbilit f'dawn il-Linji Gwida sabiex jiġu identifikati l-punti li fihom jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet xierqa msemmija fil-pjan ta' rkupru.

Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' applikazzjoni

6. Il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lil dawk l-istituzzjonijiet li huma obbligati jiżviluppaw pjanijiet ta' rkupru skont id-Direttiva 2014/59/UE.

7. L-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dawn il-Linji Gwida b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ssemplifikati għal ċerti istituzzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/59/UE.
8. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-awtorità kompetenti tista' teskludi parzjalment l-applikazzjoni tal-kategoriji obligatorji tal-indikaturi għal pjan ta' rkupru stipulati fil-paragrafu 11 tat-Titolu II ta' dawn il-Linji Gwida jekk tqis ċerti kategoriji ta' indikaturi għal pjan ta' rkupru irrilevanti meta tikkunsidra l-mudell tan-negozju tad-ditti ta' investment.

Bl-istess mod, l-awtorità kompetenti għandha teskludi fil-prattiki superviżorji tagħha l-applikazzjoni ta' ċerti kategoriji u indikaturi li huma soġġetti għal suppożizzjoni konfutabbli stabbiliti fil-paragrafi 12 u 13 rispettivament, jekk tqis li dawn il-kategoriji u indikaturi ma jistgħux japplikaw għal ċerti tipi ta' ditti ta' investment.

Titolu II – Qafas tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru

9. Il-qafas tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru għandhom ikunu stabbiliti mill-istituzzjonijiet u vvalutati mill-awtorità kompetenti waqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji stipulati f'dawn il-paragrafi li ġejjin.
10. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu indikaturi għal pjan ta' rkupru kemm ta' natura kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva.
11. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-pjan ta' rkupru mill-inqas dawn il-kategoriji obligatorji ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru li huma spjegati fit-Titoli III sa VI ta' dawn il-Linji Gwida:
 - indikaturi tal-kapital;
 - indikaturi tal-likwidità;
 - indikaturi tal-profittabbiltà;
 - indikaturi tal-kwalità tal-assi.
12. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-pjan ta' rkupru ż-żewġ kategoriji li ġejjin ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru li huma spjegati fit-Titoli VII u VIII ta' dawn il-Linji Gwida, sakemm ma jipprovdur għustifikazzjonijiet sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti li dawn il-kategoriji mhumiex rilevanti għall-istruttura legali, il-profil tar-riskju, id-daqs u/jew il-komplessità tal-istituzzjoni (jiġifieri suppożizzjoni konfutabbli):
 - indikaturi bbażati fuq is-suq;
 - indikaturi makroekonomiċi.
13. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu indikaturi speċifiċi għal pjan ta' rkupru inklużi fil-lista skont il-kategorija pprovduta fl-Anness II għal dawn il-Linji Gwida, sakemm ma jipprovdur għustifikazzjonijiet sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti li dawn il-kategoriji mhumiex rilevanti għall-istruttura legali, il-profil tar-riskju, id-daqs u/jew il-komplessità tal-istituzzjoni

(jiġifieri suppożizzjoni konfutabbli). Fi kwalunkwe każ l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-pjanijiet ta' rkupru tagħhom mill-inqas indikatur wieħed minn kull waħda mill-kategoriji obbligatorji speċifikati fil-paragrafu 11.

14. L-istituzzjonijiet mgħandhomx jillimitaw is-sett ta' indikaturi tagħhom għal-lista minima stipulata fl-Anness II, u għandhom jikkunsidraw l-inklużjoni ta' indikaturi oħrajn skont il-prinċipji stabbiliti fit-Titolu II u f'konformità mad-deskrizzjoni tal-kategoriji stipulati f'dawn it-Titoli li ġejjin ta' dawn il-Linji Gwida. Għal dan il-għan, l-Anness III jinkludi lista mhux eżawrjenti b'eżempji ta' indikaturi addizzjonali għal pjan ta' rkupru mqassma skont il-kategoriji.

15. Il-qafas tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru għandu:

- a) ikun adattat għall-mudell tan-negożju u l-istrategġija ta' istituzzjoni u għandu jkun adegwat għall-profil tar-riskju tagħha. Għandu jidentifika l-vulnerabbiltajiet ewlenin li l-aktar jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u jwasslu sal-punt li fih ikollha tiddeċiedi jekk tattivax il-pjan ta' rkupru;
- b) ikun adegwat għad-daqs u l-komplessità ta' kull istituzzjoni. B'mod partikolari, l-għadd ta' indikaturi għandu jkun suffiċjenti biex iwissi lill-istituzzjoni dwar kundizzjonijiet li qegħdin jiddeterjoraw f'oqsma varjati. Fl-istess waqt, dan in-numru ta' indikaturi għandu jkun immirat u ġestit b'mod adegwat mill-istituzzjonijiet;
- c) ikun jista' jiddefinixxi l-punt li fih istituzzjoni jkollha tiddeċiedi jekk tiħux azzjoni msemmija fil-pjan ta' rkupru jew toqgħod lura milli tiegħu tali azzjoni;
- d) ikun allinjat mal-qafas globali ta' ġestjoni tar-riskju u mal-indikaturi eżistenti ta' pjan ta' kontinġenza tal-likwidità jew tal-kapital, u mal-indikaturi tal-pjan ta' kontinwità tan-negożju;
- e) ikun integrat fil-governanza tal-istituzzjoni u fil-proċeduri ta' eskalazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
- f) jinkludi indikaturi li jħarsu 'l quddiem.

16. Waqt li tkun qiegħda tistabbilixxi l-indikaturi kwantitattivi tal-pjan ta' rkupru, istituzzjoni għandha tikkunsidra l-użu ta' metriċi progressivi ('sistema ta' dwal tat-traffiku') sabiex tinforma lill-maniġment tal-istituzzjoni li dawn l-indikaturi jistgħu jintlaħqu.

17. Istituzzjoni għandha tikkalibra mill-ġdid l-indikaturi tal-pjan ta' rkupru kull meta jkun meħtieġ u mill-inqas darba fis-sena.

18. Istituzzjoni għandha tkun kapaċi tispjega lill-awtorità kompetenti kif ġew iddeterminati l-kalibrazzjonijiet tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru u turi li l-livelli limiti jintlaħqu kmieni biżżejjed biex ikunu effettivi. F'dan il-kuntest, il-kobor u l-ħeffa tal-ilħuq tal-livelli limiti għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni.

19. Is-sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-istituzzjoni għandhom jiżguraw monitoraġġ faċli u frekwenti tal-indikaturi mill-istituzzjoni u jippermettu s-sottomissjoni f'waqtha tal-indikaturi lill-awtoritajiet kompetenti meta dawn jintalbu.
20. Il-monitoraġġ tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru għandu jsir fuq bażi kontinwa biex ikun żgurat li l-istituzzjoni tista' tiegħu l-miżuri xierqa fil-ħin sabiex terġa' tistabbilixxi l-pożizzjoni finanzjarja tagħha wara deterjorament konsiderevoli.

Titolu III – Indikaturi tal-kapital

21. L-indikaturi tal-kapital għandhom jidentifikaw kwalunkwe deterjorament konsiderevoli attwali jew possibbli fil-futur fil-kwantità u l-kwalità tal-kapital f'azjenda, inkluż livell dejjem akbar ta' ingranaġġ.
22. Meta jkunu qegħdin jagħżlu l-indikaturi tal-kapital, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw modi kif jindirizzaw il-kwistjonijiet li jinħolqu mill-fatt li l-kapaċità ta' tali indikaturi li jippermettu reazzjoni f'waqtha tista' tkun inqas minn dik ta' tipi oħrajn ta' indikaturi, u ċerti miżuri biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-pożizzjoni ta' kapital ta' istituzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal perjodi ta' eżekuzzjoni itwal jew għal sensitività akbar għas-suq u kundizzjonijiet oħrajn. B'mod partikolari dan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' projezzjonijiet li jħarsu 'l quddiem, li għandhom jikkunsidraw maturitajiet kuntrattwali materjali relatati ma' strumenti kapitali.
23. L-indikaturi tal-kapital għandhom ikunu integrati wkoll fil-Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital (ICAAP) skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ('id-Direttiva 2013/36/UE'), u l-qafas eżistenti tagħha ta' ġestjoni tar-riskju.
24. Il-limiti għandhom ikunu kkalibrati skont il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u fuq iż-żmien meħtieġ biex jiġu attivati l-miżuri ta' rkupru; għandhom jikkunsidraw il-kapaċità ta' rkupru li tirriżulta minn dawk il-miżuri; u jikkunsidraw kemm tista' tinbidel malajr is-sitwazzjoni tal-kapital, fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali tal-istituzzjoni.
25. Il-livelli limiti għal indikaturi bbażati fuq rekwiżiti regolatorji ta' kapital għandhom ikunu kkalibrati mill-istituzzjoni f'livelli adegwati sabiex tiżgura distanza suffiċjenti minn ksur tar-rekwiżiti kapitali applikabbli għall-istituzzjoni (inklużi r-rekwiżiti ta' fondi proprji kif speċifikati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 575/2013 u rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali applikati skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE iżda mingħajr ma tikkunsidra kwalunkwe rekwiżit ta' bafer stipulat fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE).

Titolu IV – Indikaturi tal-likwidità

- 26.L-indikaturi tal-likwidità għandhom ikunu kapaċi jinformaw lil istituzzjoni dwar il-potenzjal ta' deterjorament, jew deterjorament attwali tal-kapaċità tal-istituzzjoni li tissodisfa l-likwidità kurrenti u prevista tagħha u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha.
- 27.L-indikaturi tal-likwidità tal-istituzzjoni għandhom jirreferu kemm għal-likwidità għal terminu qasir kif ukoll għal-likwidità fit-tul u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-istituzzjoni u jindirizzaw id-dipendenza tal-istituzzjoni fuq is-swieq tal-operaturi u d-depożiti fil-livell tal-konsumatur, waqt li jiddistingwu bejn muniti ewlenin fejn ikun rilevanti.
- 28.L-indikaturi tal-likwidità għandhom ikunu integrati mal-istrategġiji, il-politiki, il-proċessi u s-sistemi żviluppati minn kull istituzzjoni skont l-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-qafas eżistenti tagħha ta' ġestjoni tar-riskju.
- 29.L-indikaturi tal-likwidità għandhom ikopru wkoll ħtiġijiet potenzjali oħrajn ta' likwidità u ta' finanzjament, bħall-iskoperturi ta' finanzjament fost il-grupp u dawk li jirriżultaw minn strutturi barra l-karta bilanċjali.
- 30.Il-livelli limiti identifikati mill-istituzzjoni għandhom ikunu kkalibrati fuq il-bażi tal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u għandhom jikkunsidraw kemm tista' tinbidel malajr is-sitwazzjoni tal-likwidità, fid-dawl ta' ċirkostanzi individwali tal-istituzzjoni.
- 31.Il-livelli limiti għandhom ikunu kkalibrati fuq il-bażi tal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u fuq iż-żmien meħtieġ biex jiġu attivati l-miżuri ta' rkupru u jikkunsidraw il-kapaċità ta' rkupru li tirriżulta minn dawk il-miżuri. Meta jirreferu għar-rekwiżiti regolatorji minimi applikabbli għall-istituzzjoni (inklużi rekwiżiti ta' likwidità addizzjonali skont l-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE, jekk japplika) – l-indikaturi għandhom ikunu kkalibrati mill-istituzzjoni f'livelli adegwati biex ikunu jistgħu jinfurmaw lill-istituzzjoni dwar ir-riskji potenzjali u/jew attwali f'każ li ma tikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti minimi.

Titolu V – Indikaturi tal-profittabbiltà

- 32.L-indikaturi tal-profittabbiltà għandhom jindirizzaw kwalunkwe aspett relatat mad-dħul ta' istituzzjoni li jista' jwassal għal deterjorament rapidu tal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni permezz ta' qligħ imfaddal aktar baxx (jew telf) li jaffettwaw il-fondi proprji tal-istituzzjoni.
- 33.Din il-kategorija għandha tinkludi indikaturi tal-pjan ta' rkupru li jirreferu għal telf operattiv relatat mar-riskju li jista' jkollu impatt konsiderevoli fuq ir-rapport tal-introjtu, inklużi, iżda mhux limitati biss, għal kwistjonijiet relatati mal-kondotta, frodi esterna u interna u/jew avvenimenti oħrajn.

Titolu VI – Indikaturi tal-kwalità tal-assi

- 34.L-indikaturi tal-kwalità tal-assi għandhom ikejlu u jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tal-kwalità tal-assi tal-istituzzjoni. B'mod aktar speċifiku, għandhom jindikaw meta d-deterjorament tal-kwalità tal-assi jista' jwassal sal-punt li fih l-istituzzjoni għandha tikkunsidra li tiegħu azzjoni deskritta fil-pjan ta' rkupru.
- 35.L-indikaturi tal-kwalità tal-assi jistgħu jinkludu kemm proporzjon ta' azzjonijiet kif ukoll ta' flussi ta' skoperturi improduttivi sabiex jindirizzaw il-livell u d-dinamika tagħhom.
- 36.L-indikaturi tal-kwalità tal-assi għandhom ikopru aspetti bħal skoperturi barra l-karta bilanċjali u l-impatt ta' self improduttiv fuq il-kwalità tal-assi.

Titolu VII – Indikaturi bbażati fuq is-suq

- 37.L-indikaturi bbażati fuq is-suq għandhom l-għan li jindirizzaw l-aspettattivi tal-parteċipanti fis-suq minn kundizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni li tiddeterjora malajr li tista' twassal għal tfixkil fl-aċċess għas-swieq ta' finanzjament u ta' kapital. F'konformità ma' dan l-għan, il-qafas ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għandu jirreferi għal dawn it-tipi ta' indikaturi li ġejjin:
- indikaturi bbażati fuq l-ekwità li jindirizzaw il-varjazzjonijiet fil-prezz tal-ishma ta' kumpaniji elenkati, jew proporzjonijiet li jkejlu r-relazzjoni bejn il-valur kontabilistiku u dak tas-suq tal-ekwità;
 - indikaturi bbażati fuq id-dejn, li jindirizzaw l-aspettattivi minn fornituri ta' finanzjament tal-operaturi bħal swaps ta' inadempjenza ta' kreditu jew firxiet tad-dejn;
 - indikaturi relatati mal-portafoll, li jindirizzaw l-aspettattivi b'rabta ma' klassijiet ta' assi speċifiċi rilevanti għal kull istituzzjoni (pereżempju l-proprjetà immobbli);
 - twaqqigħ fil-klassifikazzjonijiet (fit-tul u/jew fuq terminu qasir) kif jirrifletti l-aspettattivi tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni li jistgħu jwasslu għal bidliet rapidi fl-aspettattivi tal-parteċipanti tas-suq tal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni.

Titolu VIII – Indikaturi makroekonomiċi

- 38.L-indikaturi makroekonomiċi għandhom l-għan li jindirizzaw sinjali ta' deterjorament fil-kundizzjonijiet ekonomiċi li fihom topera l-istituzzjoni, jew ta' konċentrazzjonijiet ta' skoperturi jew finanzjament.
- 39.L-indikaturi makroekonomiċi għandhom ikunu bbażati fuq metriċi li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tal-istituzzjoni f'żoni ġeografiki jew setturi ta' negozju speċifiċi rilevanti għall-istituzzjoni.

40.L-indikaturi makroekonomiċi għandhom jinkludu dawn it-tipoloġiji li ġejjin:

- a) indikaturi makroekonomiċi ġeografiċi, relatati ma' diversi ġurisdizzjonijiet li għalihom hija esposta l-istituzzjoni, filwaqt li jikkunsidraw ukoll ir-riskji li jinqalgħu minn ostakoli legali potenzjali;
- b) indikaturi makroekonomiċi settorjali, relatati ma' setturi speċifiċi kbar ta' attività ekonomika li għalihom hija esposta l-istituzzjoni (eż. tbaħħir, proprjetà immobbli).

Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

41.Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-31 ta' Lulju 2015.

Anness I – Kategoriji ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru

Kategoriji ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru (l-ewwel erba' kategoriji huma obbligatorji, filwaqt li l-aħħar żewġ kategoriji jistgħu jiġu esklużi jekk istituzzjoni tiġġustifika li mhumiex rilevanti għaliha)
Kategoriji obbligatorji
1. Indikaturi tal-kapital
2. Indikaturi tal-likwidità
3. Indikaturi tal-profittabbiltà
4. Indikaturi tal-kwalità tal-assi
Kategoriji soġġetti għal suppożizzjoni konfutabbli
5. Indikaturi bbażati fuq is-suq
6. Indikaturi makroekonomiċi

Annex II – Lista minima ta' indikaturi għal pjan ta' rkupru

Lista minima ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru (kull indikatur huwa soġġett għall-possibbiltà li istituzzjoni tiġġustifika li mhuwiex rilevanti għaliha, madankollu f'dan il-każ għandu jkun sostitwit b'indikatur ieħor li jkun aktar rilevanti għal din l-istituzzjoni)	
1. Indikaturi tal-kapital	
	a) Proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwiżità Komuni
	b) Proporzjon kapitali totali
	c) Proporzjon ta' Ingranaġġ
2. Indikaturi tal-likwidità	
	a) Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità
	b) Proporzjon ta' Ffinanzjar Stabbli nett
	c) Spiża tal-finanzjament tal-operaturi
3. Indikaturi tal-profittabbiltà	
	a) (Redditu fuq l-Assi) jew (Redditu ta' Ekwiżità)
	b) Telf operattiv sinifikanti
4. Indikaturi tal-kwalità tal-assi	
	a) Rata ta' tkabbir tas-self improduttiv gross
	b) Proporzjon tal-kopertura [Provvedimenti / (Self improduttiv totali)]
5. Indikaturi bbażati fuq is-suq	
	a) Klassifikazzjoni taħt revizzjoni negattiva jew twaqqiġ fil-klassifikazzjoni
	b) Firxa ta' CDS
	c) Varjazzjoni fil-prezz tal-azzjonijiet
6. Indikaturi makroekonomiċi	
	a) Varjazzjonijiet fil-PDG
	b) Swaps ta' inadempjenza tal-kreditu sovrana

Anness III – Eżempju ta' lista ta' indikaturi addizzjonali tal-pjan ta' rkupru

Indikaturi addizzjonali tal-pjan ta' rkupru (lista mhux eżawrjenti pprovduta għal finijiet ta' eżempju biss)	
1. Indikaturi tal-kapital	
a)	(Qligħ imfaddal u Riżervi) / Ekwità Totali
b)	Informazzjoni avversa dwar il-pożizzjoni finanzjarja ta' kontropartijiet sinifikanti
2. Indikaturi tal-likwidità	
a)	Konċentrazzjoni ta' sorsi ta' likwidità u ta' finanzjament
b)	Spiża tal-finanzjament totali (finanzjament fil-livell tal-konsumatur u tal-operaturi)
c)	Pussess medju ta' finanzjament tal-operaturi
d)	Diskrepanza kuntrattwali fil-maturità
e)	Assi mhux gravati disponibbli
3. Indikaturi tal-profittabbiltà	
a)	Proporzjon tal-introjtu u l-ispejjeż (Spejjeż operatorji / Introjtu operatorju)
b)	Marġni tal-imgħax nett
4. Indikaturi tal-kwalità tal-assi	
a)	Self improduttiv nett / Ekwità
b)	(Self improduttiv gross) / Self totali
c)	Rata ta' tkabbir ta' indebolimenti fuq assi finanzjari
d)	Self improduttiv permezz ta' konċentrazzjoni sinifikanti ġeografika jew settorjali
e)	Skoperturi mrażżna ² / Skoperturi totali
5. Indikaturi bbażati fuq is-suq	
a)	Proporzjon tal-prezz għall-kontabilità
b)	Theddida ta' reputazzjoni għall-istituzzjoni jew ħsara sinifikanti fir-reputazzjoni
6. Indikaturi makroekonomiċi	
a)	Klassifikazzjoni taħt reviżjoni negattiva jew twaqqiġ fil-klassifikazzjoni ta' sovrani
b)	Rata tal-qgħad

² 'Skoperturi mrażżna' kif definiti fl-Artikoli 163-183 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi rekwiżiti uniformi fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.